



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 23.11.2022  
COM(2022) 648 final

2022/0383 (NLE)

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL**

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1904 li tawtorizza lin-Netherlands jintroduċu miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud**

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

Skont l-Artikolu 395(1) tad-Direttiva 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (“id-Direttiva tal-VAT”<sup>1</sup>), il-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu bi proposta tal-Kummissjoni, jista' jawtorizza lil kwalunkwe Stat Membru biex jintroduċi miżuri speċjali għal deroga mid-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva sabiex jissimplifika l-proċedura tal-ġbir tal-VAT jew biex jipprevjeni ċerti forom ta' evażjoni jew ta' evitar tat-taxxa.

Permezz ta' ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fit-23 ta' Awwissu 2022, in-Netherlands talbu awtorizzazzjoni biex jestendu miżura ta' deroga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva tal-VAT li tippermetti l-eżenzjoni mill-VAT lil persuni taxxabli li l-fatturat annwali tagħhom ma jkunx aktar minn EUR 25 000.

F'konformità mal-Artikolu 395(2) tad-Direttiva tal-VAT, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri kollha, minbarra lil Spanja, fil-25 ta' Awwissu 2022 u lil Spanja fis-26 ta' Awwissu 2022 bit-talba magħmula min-Netherlands. Permezz ta' ittra datata d-29 ta' Awwissu 2022, il-Kummissjoni nnotifikat lin-Netherlands li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tqis it-talba.

### **1. KUNTEST TAL-PROPOSTA**

#### **• Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

Il-Kapitolu 1 tat-Titolu XII tad-Direttiva tal-VAT jippermetti lill-Istati Membri japplikaw skemi speċjali għall-impriżi żgħar, inkluż il-possibbiltà ta' eżenzjoni mill-VAT lil persuni taxxabli li l-fatturat annwali tagħhom ma jkunx jaqbeż ċertu livell limitu. Din l-eżenzjoni timplika li persuna taxxabli ma jkollhiex għalfejn timponi l-VAT fuq il-provvisti tagħha u b'hekk ma tistax tnaqqas il-VAT fuq l-input tagħha.

Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 285 tad-Direttiva tal-VAT, l-Istati Membri li ma jeżerċitawx din l-għażla skont l-Artikolu 14 tat-Tieni Direttiva tal-Kunsill 67/228/KEE<sup>2</sup> jistgħu jeżentaw mill-VAT lil persuni taxxabli li l-fatturat annwali tagħhom ma jkunx aktar minn EUR 5 000. Skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 285 tad-Direttiva tal-VAT, dawk l-Istati Membri jistgħu wkoll jaġtu heġsien mit-taxxa gradwat lill-persuni taxxabli li l-fatturat annwali tagħhom jeċċedi l-limitu massimu ffissat minnhom għall-applikazzjoni tiegħu.

In-Netherlands ġew awtorizzati jintroduċu tali miżura speċjali permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1904. Il-miżura li se tintemm fil-31 ta' Diċembru 2022 hija fakultattiva għall-persuni taxxabli.

F'dak il-kuntest, in-Netherlands talbu estensjoni tal-miżura speċjali għal sentejn addizzjonali.

In-Netherlands indikaw li l-miżura speċjali tnaqqas il-piż amministrattiv kemm għall-persuni taxxabli kif ukoll għall-awtorità tat-taxxa u li tikkontribwixxi għas-simplifikazzjoni tal-ġbir tat-taxxa. Skont in-Netherlands, l-effett tal-miżura speċjali fuq il-baġit tal-Istat huwa ta' madwar 0.1 %. Hija indikat ukoll li l-estensjoni tal-miżura speċjali jkollha biss impatt negliġibbli fuq id-dħul totali mill-VAT miġbur fl-istadju tal-konsum finali. Tali effetti huma konformi mar-rekwiżiti tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 395(1) tad-Direttiva tal-VAT.

<sup>1</sup> ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

<sup>2</sup> It-Tieni Direttiva tal-Kunsill 67/228/KEE tal-11 ta' April 1967 dwar l-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri dwar it-taxxi fuq il-fatturat minn negozju – L-istruttura u l-proċeduri għall-applikazzjoni tas-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 71, 14.4.1967, p. 1303/67).

Barra minn hekk, l-estensjoni tal-miżura speċjali sal-31 ta' Diċembru 2024 tikkonforma mar-rekwiżiti tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/285 tat-18 ta' Frar 2020 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud fir-rigward tal-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar li stabbiliet limitu massimu ta' fatturat tal-VAT għan-negozji ż-żgħar madwar l-UE mill-1 ta' Jannar 2025.

Għalhekk, huwa propost li n-Netherlands jingħataw il-permess li jestendu l-miżura speċjali sal-31 ta' Diċembru 2024.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Stati Membri oħra ngħataw derogi simili li jeżentaw mill-VAT lil persuni taxxabli li l-fatturat annwali tagħhom ikun inqas minn ċertu livell limitu, kif previst fl-Artikoli 285 u 287 tad-Direttiva tal-VAT. Pereżempju, riċentement is-Slovenja ngħatat id-dritt li testendi l-użu ta' livell limitu ta' EUR 50 000<sup>3</sup>, il-Polonja ngħatat livell limitu ta' EUR 40 000<sup>4</sup>, l-Ungerija ngħatat livell limitu ta' EUR 48 000<sup>5</sup>, il-Belġju ngħata livell limitu ta' EUR 25 000<sup>6</sup>, Malta ngħatat livell limitu ta' EUR 30 000<sup>7</sup>, u r-Repubblika Ċeka ngħatat livell limitu ta' EUR 85 000<sup>8</sup>.

Il-miżura ta' deroga hija konformi mal-oġettivi tad-Direttiva (UE) 2020/285 li temenda l-Artikoli 281 sa 294 tad-Direttiva tal-VAT dwar skema speċjali għall-impriżi ż-żgħar<sup>9</sup>, li rriżultat mill-pjan ta' azzjoni tal-VAT<sup>10</sup>, u għandha l-għan li toħloq skema moderna u simplifikata għal dawk in-negozji. B'mod partikolari, għandha l-għan li tnaqqas il-kostijiet tal-konformità mal-VAT u d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fil-livell domestiku u dak tal-

---

<sup>3</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/464 tal-21 ta' Marzu 2022 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/54/UE fir-rigward tal-awtorizzazzjoni li ngħatat lir-Repubblika tas-Slovenja biex tkompli tapplika l-miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 94, 23.3.2022, p. 4–5).

<sup>4</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1780 tal-5 ta' Ottubru 2021 li temenda d-Deċiżjoni 2009/790/KE li tawtorizza lir-Repubblika tal-Polonja biex tapplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 360, 11.10.2021, p. 122–123).

<sup>5</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) (2022/73) tat-18 ta' Jannar 2022 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1490 fir-rigward tal-awtorizzazzjoni lill-Ungerija biex tapplika għal perjodu ulterjuri l-miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 12, 19.1.2022, p. 148–150).

<sup>6</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/88 tat-18 ta' Jannar 2022 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/53/UE fir-rigward tal-awtorizzazzjoni tar-Renju tal-Belġju biex japplika għal perjodu ulterjuri l-miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 14, 21.1.2022, p. 23–24).

<sup>7</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/753 tas-6 ta' Mejju 2021 li tawtorizza lil Malta biex tapplika miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/279 (ĠU L 163, 10.5.2021, p. 1–2).

<sup>8</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/865 tal-24 ta' Mejju 2022 li tawtorizza lir-Repubblika Ċeka biex tapplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 151, 2.6.2022, p. 66–67).

<sup>9</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/285 tat-18 ta' Frar 2020 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud fir-rigward tal-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar u r-Regolament (UE) Nru 904/2010 fir-rigward tal-kooperazzjoni amministrattiva u l-iskambju ta' informazzjoni għall-finijiet tal-monitoraġġ tal-applikazzjoni korretta tal-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar (ĠU L 62, 2.3.2020, p. 13).

<sup>10</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar pjan ta' azzjoni dwar il-VAT – Lejn żona unika tal-VAT fl-UE – Iż-żmien biex niddeċiedu COM(2016)148 final.

UE, tnaqqas l-impatt negattiv tal-effett tal-livell limitu u tiffaċilita kemm il-konformità tan-negożji kif ukoll il-monitoraġġ mill-awtoritajiet tat-taxxa.

Barra minn hekk, il-livell limitu ta' EUR 25 000 huwa konsistenti mad-Direttiva (UE) 2020/285, sa fejn jippermetti lill-Istati Membri jistabbilixxu l-livell limitu tal-fatturat annwali meħtieġ għal eżenzjoni mill-VAT f'livell mhux oġġla minn EUR 85 000 (jew l-ekwivalenti fil-munita nazzjonali).

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-Kummissjoni ilha konsistentement tenfasizza l-bżonn li jkun hemm regoli aktar sempliċi għall-impreżi ż-żgħar. F'dan ir-rigward, f'Marzu 2020 il-Kummissjoni adottat Strateġija għall-SMEs għal Ewropa sostenibbli u diġitali<sup>11</sup>, fejn impenjat ruħha li tkompli taħdem biex tnaqqas il-piż minn fuq l-SMEs. L-oġġettiv li jitnaqqas il-piż regolatorju għall-SMEs huwa wieħed mill-pilastri ta' din l-istrateġija. Din il-miżura speċjali hija f'konformità ma' tali oġġettivi, f'dak li jirrigwarda r-regoli fiskali. Hija konsistenti wkoll mal-Pjan ta' Azzjoni tal-2020 dwar tassazzjoni ġusta u sempliċi li tappoġġa l-istrateġija ta' rkupru<sup>12</sup>, li jirrikonoxxi li l-kostijiet tal-konformità fiskali għadhom għoljin fl-UE, u li tipikament il-kostijiet tal-konformità jkunu sostanzjalment oġġla għal kumpaniji żgħar milli għal dawk kbar.

## 2. **BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Meta titqies id-dispożizzjoni tad-Direttiva tal-VAT li fuqha hija bbażata, il-prinċipju tas-sussidjarjetà diġà ġie applikat fil-livell tad-Direttiva tal-VAT.

- **Proporzjonalità**

Id-Deċiżjoni tikkonċerna awtorizzazzjoni mogħtija lil Stat Membru fuq talba tiegħu stess u ma tikkostitwixxi l-ebda obbligu.

Minħabba l-kamp ta' applikazzjoni limitat tad-deroga, il-miżura speċjali hija proporzjonata mal-għan li għandu jintlaħaq, jiġifieri s-simplifikazzjoni tal-ġbir tat-taxxi għall-persuni taxxabli żgħar u għall-awtorità tat-taxxa.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument propost huwa Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill.

Skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT, huwa possibbli li tingħata deroga mir-regoli komuni tal-VAT biss bl-awtorizzazzjoni tal-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni. L-aktar strument xieraq huwa Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill billi din tista' tiġi indirizzata lil Stat Membru individwali.

---

<sup>11</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Strateġija għall-SMEs għal Ewropa sostenibbli u diġitali (COM(2020) 103 final).

<sup>12</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill - Pjan ta' Azzjoni għal tassazzjoni ġusta u sempliċi li tappoġġa l-istrateġija ta' Rkupru (COM(2020) 312 final).

### **3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Ma saret l-ebda konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati. Il-proposta attwali hija bbażata fuq talba li saret min-Netherlands u tikkonċerna biss lil dan l-Istat Membru partikolari.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill għandha l-għan li titkompla għal sentejn oħra l-miżura ta' simplifikazzjoni għall-persuni taxxabli li l-fatturat annwali tagħhom ma jaqbiżx l-EUR 25 000. Il-persuni taxxabli li l-fatturat annwali tagħhom ma jkunx aktar mil-livell limitu jinħelsu minn ħafna mill-obbligi tal-VAT ġenerali, u permezz ta' din il-miżura se jonqsilhom ukoll il-piż amministrattiv. Barra minn hekk, din tissimplifika l-ġbir tat-taxxa għall-awtoritajiet tat-taxxa Olandiżi.

Skont in-Netherlands, l-estensjoni tal-livell limitu ta' EUR 25 000 mhu se jħalli l-ebda impatt sostanzjali fuq it-total tad-dħul mit-taxxa fl-istadju tal-konsum finali. Madwar 6 % tal-persuni taxxabli huma mistennija jużaw il-livell limitu tal-eżenzjoni, u dan jikkorrispondi għal impatt fuq il-baġit tal-Istat ta' madwar 0,1 %. Minħabba l-kamp ta' applikazzjoni ristrett tad-deroga u l-applikazzjoni tagħha limitata fil-ħin, fi kwalunkwe każ, l-impatt tal-miżura se jkun limitat.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta ma għandha l-ebda konsegwenza għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali.

### **4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI**

Il-miżura speċjali introdotta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1904 ma kellha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-UE għax in-Netherlands għamlu kalkolu ta' kumpens b'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, EURATOM) 1553/89. Wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2021/769 tat-30 ta' April 2021 li jemenda r-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1553/89 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir ta' riżorsi proprji li jakkumulaw mit-taxxa tal-valur miżjud<sup>13</sup>, mhu se jsir l-ebda kalkolu ta' kumpens min-Netherlands mid-dikjarazzjoni tar-riżorsi proprji tal-VAT għas-sena finanzjarja 2021 'il quddiem. Il-proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li għandha l-għan li testendi l-miżura speċjali tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1904 mhu se jkollha l-ebda implikazzjoni sinifikanti fuq il-baġit tal-UE. Il-korrezzjonijiet u l-kumpensi storikament kellhom impatt negliġibbli fuq l-ammont tar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT. Għalhekk it-tneħħija tagħhom mhux se jkollha implikazzjoni baġitarja sinifikanti.

<sup>13</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2021/769 tat-30 ta' April 2021 li jemenda r-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1553/89 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir ta' riżorsi proprji li jakkumulaw mit-taxxa tal-valur miżjud (ĠU L 165, 11.5.2021, p. 9).

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL**

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1904 li tawtorizza lin-Netherlands jintroduċu miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 395(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1904<sup>2</sup>, in-Netherlands kienu awtorizzati jintroduċu miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE (“il-miżura speċjali”), biex teżenta mill-VAT lil persuni taxxabli li l-fatturat annwali tagħhom ma jaqbiżx EUR 25 000.
- (2) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1904 se tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2022. Permezz ta' ittra datata t-23 ta' Awwissu 2022, in-Netherlands talbu awtorizzazzjoni biex ikompli japplikaw il-miżura speċjali, awtorizzata minn dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni, għal perjodu ulterjuri sal-31 ta' Diċembru 2024, id-data sa meta l-Istati Membri jridu jittrasponu d-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/285<sup>3</sup>. Dik id-Direttiva tistabbilixxi regoli tal-VAT aktar sempliċi għall-impriżi ż-żgħar u tippermetti wkoll lill-Istati Membri jeżentaw lill-persuni taxxabli li l-fatturat annwali tagħhom fl-Istat Membru ma jaqbiżx il-livell limitu ta' EUR 85 000 jew l-ekwivalenti fil-munita nazzjonali.
- (3) Permezz ta' ittra datata l-25 ta' Awwissu 2022, il-Kummissjoni bagħtet it-talba magħmula min-Netherlands lill-Istati Membri l-oħra, minbarra lil Spanja, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 395(2) tad-Direttiva 2006/112/KE. Permezz ta' ittra datata s-26 ta' Awwissu, il-Kummissjoni bagħtet dik it-talba lil Spanja. Permezz ta' ittra datata d-29 ta' Awwissu 2022, il-Kummissjoni nnotifikat lin-Netherlands li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tivvaluta t-talba.

<sup>1</sup> ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2018/1904 tal-4 ta' Diċembru 2018 li tawtorizza lin-Netherlands jintroduċu miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 310, 6.12.2018, p. 25).

<sup>3</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/285 tat-18 ta' Frar 2020 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud fir-rigward tal-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar u r-Regolament (UE) Nru 904/2010 fir-rigward tal-kooperazzjoni amministrattiva u l-iskambju ta' informazzjoni għall-finijiet tal-monitoraġġ tal-applikazzjoni korretta tal-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar (ĠU L 62, 2.3.2020, p. 13).

- (4) Il-miżura speċjali hija konformi mad-Direttiva 2006/112/KE, kif emendata bid-Direttiva (UE) 2020/285, li tfittex li tnaqqas il-piż tal-konformità tal-VAT tal-impriżi ż-żgħar u tevita d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fis-suq intern.
- (5) Il-miżura speċjali se tibqa' fakultattiva għall-persuni taxxabbli peress li xorta jistgħu jagħżlu l-arranġamenti normali tal-VAT skont l-Artikolu 290 tad-Direttiva 2006/112/KE.
- (6) Skont l-informazzjoni pprovduta min-Netherlands, it-tkomplija tal-applikazzjoni tal-miżura speċjali se jkollha effett negliġibbli biss fuq l-ammont kumplessiv tad-dħul mit-taxxa miġbur min-Netherlands fl-istadju tal-konsum finali.
- (7) Wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2021/769<sup>4</sup>, ma għandu jsir l-ebda kalkolu ta' kumpens min-Netherlands fir-rigward tad-dikjarazzjoni tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT mis-sena finanzjarja 2021 'il quddiem.
- (8) Minħabba l-impatt pożittiv tal-miżura speċjali fir-rigward tas-simplifikazzjoni tal-obbligi relatati mal-VAT billi tnaqqas il-piż amministrattiv u l-kostijiet tal-konformità kemm għall-impriżi żgħar kif ukoll għall-awtoritajiet tat-taxxa, u minħabba l-effett negliġenti fuq id-dħul totali ġġenerat mill-VAT, jixraq li tiġi estiża l-applikazzjoni stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1904.
- (9) Jenħtieġ li l-estensjoni tal-awtorizzazzjoni tkun limitata fiż-żmien biex tippermetti li ssir evalwazzjoni tal-effettività u tal-adegwatezza tal-livell limitu. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva (UE) 2020/285, l-Istati Membri għandhom jadottaw u jipubblikaw, sal-31 ta' Diċembru 2024, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw mal-Artikolu 1 ta' dik id-Direttiva, u għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Jannar 2025. Għalhekk, jixraq li n-Netherlands jiġu awtorizzati japplikaw il-miżura speċjali sal-31 ta' Diċembru 2024.
- (10) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1904 tiġi emendata skont dan,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### *Artikolu 1*

L-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1904 huwa sostitwit b'dan li ġej:

#### *“Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2020 sal-31 ta' Diċembru 2024.”.

---

<sup>4</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2021/769 tat-30 ta' April 2021 li jemenda r-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1553/89 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir ta' riżorsi proprji li jakkumulaw mit-taxxa tal-valur miżjud (ĠU L 165, 11.5.2021, p. 9).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tan-Netherlands.  
Magħmul fi Brussell,

*F'isem il-Kunsill  
Il-President*